MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 129/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**John Vella (ID nru 351080M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, mitejn u sitta u hamsin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€5,256.34) ekwivalenti ghall-elfejn, mitejn u sitta u hamsin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm2,256.55) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1” sa Dok “A3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Marzu 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datat fit-22 ta’ Novembru 2007 li giet prezentata mar-rikors kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-suibzzjoni.

Rat id-dokumenti, annessi mal-istess rikors, a fol 2 sa fol 4 tal-atti u markati minn Dok “A1” sa Dok “A3”.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat u mhux dovut kollu.
2. Illi apparti minn hekk il-hlasijiet akkont gew imnaqqsa mill-imghaxijiet minflok mill-kapital kif kellu jsir u anke minhabba f’dan l-ammont attwalment dovut huwa ferm inqas.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-provi prodotti, is-socjeta’ attrici ssottomettiet “affidavit” maghmul minn Joseph Grixti inkarigat minn gbir ta’ debiti dovuti lill-istess Bank u dan beda billi annetta dokument datat is-7 ta’ Frar 2002 konsistenti fi transazzjoni bankarja maghrufa bhala “loan drawdown” (fol 18 tal-atti) u ammontanti ghal Lm1750. Din kienet tirreferi ghall-applikazzjoni li saret mill-konvenut ghal self f’dan l-ammont sabiex jkun jista’ jixtri xi ghamara (fol 19 et seq ibid) debitament approvata mill-Bank u ffirmata mill-konvenut . Mill-korrispondenza esebita ukoll (fol 21, fol 22 u fol 23) jidher li l-konvenut akkwista <u>arretrati</u> minhabba nuqqas ta’ pagament da parti tieghu tar-rati mensili miftehma (ara ukoll l-anness ‘customer detail report’ a fol 24 sa fol 28 ibid). Difatti tinsab <u>ittra</u> datata l-20 ta’ Dicembru 2007 annessa a fol 30 ibid mibghuta f’isem il-konvenut lill-istess Bank u li fiha jinghad illi l-konvenut impjega ruhu bhala “part timer” u kien ghalhekk intenzjonat illi jerga jibda jaghmel pagamenti skond il-ftehim originali. Pero jidher li dan ma kienx avvera ruhu. Fl-ahhar nett, ix-xhud esebixxa ‘statement of account” (fol

32 ibid) li juri l-ammont kollu dovut ghall-perjodu bejn is-7 ta’ Frar 2002 sat-3 ta’ Marzu 2008 u li, juri li l-ammont dovut jammonta ghal €5256.34, inkluzi l-imghaxijiet kalkolati bhala “simple interest” (ara ukoll dak aktar dettaljat a fol 2 sa fol 5 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut jikkontendi li l-hlasijiet li saru mill-konvenut gew imnaqqsa mill-imghaxijiet minflok mill-kapital kif, skond hu, kellu jsir. Pero dwar dan jkun opportun illi ssir referenzi ghall-artikolu 1169 tal-Kodici Civili fejn jinghad illi debitur ta’ somma flus li taghti imghaxijiet ma jistax minghajr il-kunsens tal-kreditur, jirrifjuta l-hlas ghall-kapital minflok ghall-imghaxijiet u l-hlas ta’ parti mid-dejn maghmul akkont ta’ kapital u imghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom imur l-ewwel ghall-imghaxijiet, Minn dan, jidher car li dak li qed jikkontendi l-konvenut bl-ebda mod ma hu korrett kemm fuq bazi legali kemm fuq bazi ta’ fatt.

Illi l-konvenut, ulterjorment, jikkontendi li l-ammont mitlub hu esagerat u dak dovut hu ferm inqas. Pero, dwar dan, l-istess konvenut ma gab ebda prova sabiex jikkontrobatti l-provi tas-socjeta’ attrici u in sostenn ta’ dak eccepit minnu.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €5256.34 ekwivalenti ghal Lm2,256.55 bl-imghax legali ulterjuri mit-3 ta’ Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra uficjali tat-22 ta’ Novembru 2007, msemmija fir-rikors promotur izda mhux presentata kontestwalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------